**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (52)

Fl-aħħar kitba tiegħi tkellimt fuq il-problema ta' qaddiefa li qed tolqot ħażin lil xi distretti. Jien niftakar fiż-żmien meta d-distretti kienu jipparteċipaw b'żewġ opri f'kull korsa – dak iż-żmien ma kienx hawn problemi ta' qaddiefa. Kif aċċennajt f'kitba oħra, ħafna mill-qaddiefa kienu jkunu mil-lokal tagħhom, u xi wħud minnhom kienu jkunu jirreġistraw għal perjodu ta' snin.

Kien żmien meta r-Regatta kienet popolari ħafna għax kull korsa kienet akkanita u r-rivalitá fost l-ekwipaġġi kienet għadha ħajja, fejn l-eċċitament waqt l-andament ta' kull korsa kien jibqa' sa l-aħħar qadfa. Meta fil-bidu tas-snin 90 l-organizzaturi tar-Regatta ddeċiedew li kull distrett jibda jipparteċipa b'opra waħda minflok bi tnejn bi skuża li l-kanal ma kienx jifla ħ 12-il opra, ir-Regatta bdiet titlef il-popolaritá tagħha li minn dejjem kellha man-nies tal-port.

Naħseb li din id-deċiżjoni tat id-daqqa tal-mewt lil bosta qaddiefa li kienu entużjasti ħafna li jagħtu sehmhom lil-lokalitá tagħhom fir-Regatta. Kienet diċiżjoni żbaljata għax tellfet iċ-ċans li ħafna qaddiefa żgħażagħ li jsibu posthom fid-dgħajsa.

Ħafna huma tal-fehma li din id-deċiżjoni ikkawżat bruda u apatija kbira fost id-dilettanti, u minħabba f'hekk in-nies ma bdietx tattendi. Meta ġiet introdotta x-Shield taż-Żgħar kien hemm il-ħsieb li din issir għal żgħażagħ taħt it-18-il sena (U/18) u wara, minħabba nuqqas ta' konkorrenza saret U/21.

Meta l-kumitati distrettwali bdew jilmentaw li m'humiex qegħdin isibu qaddiefa żgħażagħ għollew l-etá għal 23 u s-sena l-oħra erġajna żidna l-etá għal 25, u ħaġa ta' l-iskantament bqajna nsejħu din il-kategorija taż-żgħar, imbagħad wara saret magħrufa bħala 'Reserve' u aktar tard Kategorija B.

Niftakar li meta ġiet introdotta t-Tiġrija ta' Jum il-Ħelsien (31 ta' Marzu) kien hemm il-ħsieb li fiha jieħdu sehem qaddiefa ġodda. L-għan ewlieni li saret din it-tiġrija kien li kull kumitat distrettwali jħajjar liż-żgħażagħ mil-lokal biex jipparteċipaw f'dawn it-tiġrijiet tradizzjonali. Iżda x'ġara, ftit snin wara, daħlet il-pika fost il-qaddiefa u l-kumitati distrettwali bdew jarmaw l-opri tagħhom bl-aħjar qaddiefa li kellhom u nsew l-iskop ewlieni ta' din it-tiġrija.

Il-ħasra hi, li llum ninsabu f'sitwazzjoni fejn numru żgħir ta' qaddiefa jiddominaw ir-Regatta. Fejn imorru dawn il-qaddiefa tintrebaħ ix-Shield u għalhekk spiċċa dak l-entużjażmu fost id-dilettanti li jinżlu jaraw u jsegwi dawn l-imberkin provi.

Fejn huma dawk l-eluf ta' nies, li f'Jum il-Vitorja, fejn minn kmieni wara nofs in-nhar kienu jimlew kull rokna tas-swar li jagħti għall-Port u jdawru l-Kanal bid-dgħajjes u bil-Frejgatini mimlijin bin-nies? Fejn hu t-tixjir tal-bnadar u l-briju kbir li kienu joħolqu d-dilettanti tad-distretti rivali waqt id-dħul tad-dgħajjes tagħhom fil-kanal jew waqt il-korsa? Ħasra, illum kollox spiċċa, u dan kollu hu tort ta' deċiżjonijiet żbaljati li ttieħdu snin ilu u llum diffiċli li treġġa' l-arloġġ lura.

Meta fis-snin 90 jien kelli laqgħa mal-Kummissjoni Regatta, kont issuġġerejt għadd ta' suġġerimenti li fil-fehma tiegħi ħassejt li (għal dak iż-żmien) kienu validi ħafna, u jekk jiġu attwati ssir ħafna titjib fl-organizzazzjoni tar-Regatta.

Issuġġerejt li l-kanal jingħalaq matul Awwissu u t-taħriġ tad-dgħajjes isir fil-viċinanza ta' kull club tar-Regatta bħalma kien isir fl-imgħoddi, u b'hekk jerġa' jqajjem l-entużjażmu fost id-dilettanti, u r-Regatta terġa' ssir popolari mal-poplu tagħna.

Issuġġerejt ukoll li l-punti ta' kull korsa jkunu l-istess. Biex ikun hemm aktar kompettivitá u telimina kull tbassir li normalment isir qabel kull Regatta. Li jsiru studju dwar sistema ġdida ta' Heats, fejn waqt li jingħata d-dritt li kull distrett jipparteċipa b'opra waħda f'kull korsa, jiżdiedu żewġ opri oħra f'kull kategorija bis-sistema ta' l-aħjar ħin miksub fi tlielaq li jsiru jumejn qabel ir-Regatta taħt is-sorveljanza ta' ġurija serja u membri tal-kumitati distrettwali.

Il-ħsieb wara din is-sistema (dak iż-żmien bi tmien opri f'kull korsa ) kien li terġa' tqanqal entużjażmu ġdid fost żgħażagħ ta' kull lokal, it-tiġrijiet isiru aktar akkaniti, u tgħin ħafna li jkun hemm bilanċ fost id-distretti parteċipanti.

Issuġġerejt ukoll li l-gvern għandu jgħin finanzjarjament lid-distretti tar-Regatta bħalma jagħmel f'kull 'Sport' ieħor. Kif aċċennajt qabel, il-manutenzjoni tal-opri tirrekjedi spejjeż enormi u l-ebda distrett m'hu f'qagħda tajba biżżejjed biex jiffinanzja opri ġodda li jiswew eluf ta' liri.

Ovvjament minn meta saru dawn is-suġġerimenti, li fil-fehma tiegħi għadhom validi ħafna anke fi żmienna, ma sar xejn għajr biss xi rtokk żgħir. Sintendi drabi oħra konna tkellimna fuq titjib fl-organizzazzjoni tar-Regatta, issa li l-organizzazzjoni tar-Regatta mid-Dwana kienet għaddiet f'idejn il-Kultura, wara l-KMS u issa f'idejn L-Għaqda tar-Regatta.

Niftakar li saru bosta suġġerimenti oħra dwar Regatti oħra fosthom tiġrijiet tat-tfal, iżda fejn għandha x'taqsam ir-Regatta Nazzjonali tat-8 ta' Settembru ssuġġerejt li f'kull edizzjoni terġa' tibda ssir il-Ġostra fil-viċinanza tad-Dwana - tradizzjoni oħra antika li minn dejjem kienet sinonima mat-tiġrijiet tad-dgħajjes li kienu jsiru fil-portijiet tagħna.

Fortunatament il-lum kull club tar-Regatta huwa attrezzat b'żewġ settijiet ta' opri tat-tiġrija. Ovvjament, xi wħud minnhom ikollhom bżonn ta' manutenzjoni, xi wħud jinbidlu f'oħrajn ġodda.

Ftit tax-xhur ilu smajna li l-gvern kien se jagħti donazzjoni ta' flus lil kull clabb tar-Regatta biex jordnaw dgħajsa oħra. Smajt diversi kummenti dwar din l-għotja! Ħafna huma tal-fehma, li s-somma mhix biżżejjed biex tinbena dgħajsa ġdida, u li jkun aħjar kieku l-gvern iżid is-somma sostanzjalment, u minflok dgħajsa tinbena Ferilla jew Kajjikk tat-Tiġrija tat-tip 'Fancy' (żewġ opri antiki li kienu jieħdu sehem fit-tiġrijiet ta' qabel il-gwerra) u b'hekk tiżdied kategorija oħra ta' opri tradizzjonali Maltin fir-Regatta Nazzjonali. Rigward il-qisien ta' dawn l-opri, wieħed jista' jsibhom fil-Biblijoteka Nazzjonali tal-Belt.

Nimmaġina li hawn isib min jgħid – tiġrija oħra jonqosna biex ngħaddu xi ħames sigħat fix-xemx insegwu r-Regatta, meta kulħadd qed jilmenta li l-ħin bejn kull tiġrija, minkejja l-ftit progress li sar f'dawn l-aħħar sentejn, għadu twil ħafna u l-ispettaturi qegħdin jiddejqu b'dan id-dewmien kollu.

Fil-fatt, din hi waħda mir-raġunijiet li n-nies naqset drastikament fiż-żewġ Regatti Nazzjonali, u jekk ma jsirx xi ħaġa mmedjatament minnaħa ta' l-organizzazzjoni se jkomplu jonqsu.

Din is-sena jien segwejt ir-Regatta ta' Jum il-Ħelsien mill-Gardjola tal-Isla – fil-fehma tiegħi l-aħjar post fil-port minn fejn wieħed jista' jsegwi kull tiġrija mill-bidu tat-tmiem tagħha, u s'intendi jkollok panorama sabiħa tal-kanal u tal-ispettaturi li jkunu qegħdin isegwu dawn it-tiġrijiet.

Fil-Gardjola ma konniex aktar minn 80 dilettant u fil-Ponta ma kienx hemm aktar minn 500 partitarju … meta sa ftit tas-snin ilu, meta l-Isla kienet qed tiddomina dawn it-tiġriet kien ikun hemm triplu jekk mhux aktar. Imbagħad jekk wieħed jagħti ħarsa lejn xatt il-Belt .... bla dubju ta' xejn joħroġ diżappuntat ħafna!

In-nies naqset u naqset ħafna, u niskanta mhux ftit meta fuq it-televiżjoni nisma' minn jgħid li kien hemm in-nies.

Min jgħid hekk jew għadu żgħir ħafna allura, inkella ma jiftakarx żminijiet oħra, meta l-Port il-Kbir kien ikun mimli daqs bajda bin-nies fuq l-art u l-baħar - meta f'kull kategorija sal-1990 kull distrett kien jipparteċipa b'żewġ opri, u li r-Regatta Nazzjonali ma kinitx tieħu aktar minn sagħtejn u nofs, waqt li llum tieħu d-doppju jekk mhux aktar – iżda ma ninsewx li f'dak iż-żmien fir-Regatta kienu jsiru ħames tiġrijiet u llum ssiru għaxra.

Fattur ieħor li kompla jnaqqas in-nies, apparti d-dewmien bejn kull korsa u oħra, hi li fit-8 ta' Settembru qed isiru diversi dixxiplini sportivi oħrajn, u għalhekk jien ma neħodiex bi kbira, li xi partitarji jew dilettanti, jagħżlu li jmorru jaraw logħba football jew waterpolo minflok ir-Regatta - l-ewwelnett minħabba t-tbassir li jsir qabel kull Regatta, u t-tieni nett għaliex jaf, li aktar tard fil-għaxija, f'xi ħin jew ieħor se jara l-aħjar siltiet minnha fuq it-televiżjoni …



Bormla jirbħu l-palju tat-tiġrija fil-kategorija 'Open' tad-dgħajjes 'B' tal-Pass fl-2005